**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**

**Magistrat Dottoressa Monica Vella LL.D.; M.Jur.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Philip Said**

**Illum 24 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva u irregistrati quddiem dawn il-Qrati fid-9 ta' Frar 2021 kontra:

Philip Said ta' 68 sena, iben Nicola u Sylvia nee` Portelli, imwieled Siggiewi, nhar is-07/09/1952, residenti gewwa 38, Triq it-Tabib Nikol Zammit, Is-Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0781052M, li gie akkuzat:

Talli f'dawn il-gzejjer, fil-perjodu ta' bejn Jannar 2005 u Frar 2005, b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:[1]

1. Approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u li kienet giet fdata lilek minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minhabba propjeta jew kuntratti pubblici ohra, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' David Dawson, Grace Dawson, Charles Bonello u Nicolina Bonello, b'valur li jeccedi l-hamest'elef euro (€5,000);

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, bi hsara ta' haddiehor, ghamilt xi qligh iehor b'qerq ta' aktar minn hamest'elef euro (€5,000);

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghek, ghamilt jew inqast li taghmel dmirijiuetek, b'taghkis jew hsara ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' David Dawson, Grace Dawson, Charles Bonello u Nicolina Bonello;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, ghal xi vantagg privat tieghek jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entita` ohra, ghamilt uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti,

[1] Folio 1 u 2 tal-process.

titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilek minhabba l-kariga jew impjieg tieghek, jew sraqthom;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sirt hati ta' reat li int kellek tissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghek inti kellek id-dmir li timpedixxi;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala nutar inqast li thallas it-taxxa dovuta kollha jew parti minnha taht id-disposizzjonijiet tal-Att 364 fuq xi att ricevut minnek, kif ukoll li nqast li tikkonforma ruhek ma' kull taxxa mposta fuqek b'regolament li jsir that l-Att 364.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija, a tenur tal-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 kif ukoll tal-artikolu 14 ta' Kapitolu 55, il-Qorti joghgobha tordna l-iskwalifika u/jew it-tahsir ghal dejjem tal-warrant ta' nutar tal-imputat.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u il-qorti hija gentilment mitluba ukoll sabiex tordna lill-imputat ihallas id-danni ai termini tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ic-certifikat tat-twelid tal-imputat.[2]

[2] Folio 3 tal-process.

Rat il-fedina penali tal-imputat.[3]

Rat l-artikoli mahruga mill-Avukat Generali nhar it- 30 ta' Novembru 2021.[4]

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat li l-kaz jinstema' quddiem din il-Qorti.[5]

Hadet nota tas-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza tal-11 ta' Ottubru 2023.

Hadet nota tal-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz imur lura ghall-perjodu bejn Jannar 2005 u Frar 2005 meta il-kwerelanti David Dawson, Grace Dawson, Charles Bonello u Nicolina Bonella marru jaghmlu kuntratt ta' biegh/ xiri ta' propjeta' fis-Siggiewi quddiem l-imputat qua Nutar Pubbliku. Fit-3 ta' Jannar 2005 il-kwerelanti hallsu il-flus lill-imputat sabiex jithallsu t-taxxi u l-boll u l-kuntratt jigi debitament insinwat skont il-ligi.

---

[3] Folio 4 tal-process.

[4] Folio 362 tal-process

[5] Folio 367 tal-process.

Jidher li dan il-kuntratt qatt ma gie insinwat u l-flus ghaddew lill-awtoritajiet kompetenti wara li l-kwerelanti kellhom ihallsuhom ghat-tieni darba biex jigi debitament insinwat il-kuntratt li sar bejniethom ghax kif jammetti l-imputat stess hu qatt ma hallas dawn il-flejjes lill-awtoritajiet kompetenti.

Minn naha tieghu l-imputat Said jghid li hu ma ghamilx dak li kien marbut jaghmel bil-ligi ghax kellu pressjoni ta' xoghol u hu qatt ma ghamel qliegh mill-flus tal-kwerelenati.

**Il-Provi**

Xehed l-i**Spettur Kevin Pulis** nhar is-16 ta' Gunju 2021 fejn qal li huwa kien ircieva ittra f'Dicembru 2020 fejn kien qed jigi allegat misapproprjazzjoni ta' flus fuq kuntratt li sar fuq residenza is-Siggiewi. Minn investigazzjonijiet li saru jidher li kien sar kuntratt bejn Charles u Nikolina Bonello minn naha u fuq in-naha l-ohra kien hemm David u Grace Dawson. Bonello kienu l-venditturi filwaqt li Dawson kienu l-kompraturi. Dan il-bejgh kien jirrigwarda fond fi Triq Dun Manwel Zammit, is-Siggiewi. Dan il-kuntratt sar fit-3 ta' Jannar 2005 quddiem in-Nutar Pubbliku Philip Said, ossija l-imputat. Ma' dan il-kuntratt barra s-somma dovuta kellhom jithallsu elf u hamsin lira Maltin u elf u mitt Lira Maltin bhala taxxa u bollol. Jidher li dawn l-ammonti kienu ghaddew lill-imputat, qua nutar pubbliku. Is-Sinjuri Dawson giehom suspett lejn l-ahhar ta' Dicembru 2020 li n-Nutar Said ma kien irregistra xejn u lanqas hallas dak li huwa dovut lill-awtoritajiet kompetenti. B' hekk huwa zamm il-flus li tawh ghat-taxxi u l-bolol. Is-Sinjuri qabdu privatament lin-Nutar Angela Bezzina biex taghmlilhom ir-ricerka fuq

il-fond u qaltilhom li ma thallas xejn. Il-konjugi Dawson iddikjaraw mal-pulizija li l-flus lin-Nutar Said kienu halsuhom f'kontanti.[6]

Ix-xhud baghat ghall-imputat fl-10 ta' Dicembru 2020 u hadlu stqarrija wara li infurmah bid-drittijiet tieghu. Qal ukoll li l-konjugi Dawson kellhom jergghu ihallsu t-taxxi u l-bolol fuq ix-xiri tal-fond peress li in-Nutar Said ma kien hallas xejn. Ix-xhud ipprezenta diversi dokumenti fosthom l-istqarrija tal-imputat, il-bank drafts tal-hlas li ghamlu il-konjugi Dawson fl-2020, kif ukoll il-kuntratt li suppost ippubblika in-Nutar Said.

Xehdet **Grace Dawson** nhar is-16 ta' Gunju 2021. Tghid li fl-2004 xtraw post meta kienu joqoghdu l-Ingilterra. Tghid li kienet cemplitilha ohta li kienet iltaqghet ma' habiba taghha u qaltilha li n-nutar taghha ma kienx hallas dak li hu dovut u ma irregistra xejn u allura ma setetx tbiegh il-propjeta' taghha. Tghid li hija qabdet lin-Nutar Angela Bezzina biex taghmel ir-ricerki ghan-nom taghha u din qaltilhom li l-propjeta' taghhom ma kienitx giet trasferita fuqhom. Ma kienitx registrata.[7] Tghid li sussegwentement hija hallset dak li hu dovut fuq ix-xiri tal-propjeta' taghha li sehh snin qabel. Tghid li qabel il-kuntratt hija ghamlet il-konvenju u l-kuntratt sar fit-3 ta' Jannar 2005. Tghid li n-nutar ghazlitu hija ghax kienet tafu. Tghid li hija hallset lill-bejjiegh u lin-nutar. Suppost hallset it-taxxi kollha. Tghid li hi hallsitu fis-sena 2005 ghat-taxxi lin-nutar. Tghid li hija hallset ukoll dak tas-Sur Bonello minn fejn xtrat il-fond. Tissokta tghid li meta saret taf li dawn in-nutar ma ghaddihomx lill-awtoritajiet, fl-2020 regghet hallset kollox. Tikkonferma li n-nutar kien Philip Said, l-imputat.[8]

[6] Folio 18 tal-process.
[7] Folio 45 tal-process.
[8] Folio 57 tal-process.

Xehdet **in-Nutara Angela Bezzina** nhar l-14 ta' Lulju 2021. Hija spejegat l-involviment taghha fil-kaz. Hija ikkonfermat Dok KP2 u qalet li hija giet inkarigata mis-Sinjuri Dawson biex taghmel ricerka fuq il-fond taghhom.[9] Tghid li c-cekkijiet hargu in konnessjoni mal-boll u l-capital gains tax. Tghid li l-kuntratt kien ghand l-ufficcju tan-Nutar tal-Gvern pero' ma kellux numru ta' insinwa u lanqas il-formola tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li s-soltu tigi annessa. Ix-xhud spjegat il-process kif jigi registrat kuntratt.

Xehed **Dr. Keith German** nhar l-14 ta' Lulju 2021 u jghid li bhala Nutar Principali tal-Gvern hu jinhatar ghal defaulting notaries, u f'dan il-kaz ukoll tan-Nutar Philip Said. Jispjega l-procedura kif huwa jikkuntattja l-klijenti biex jergghu jhallsu t-taxxi. Jghid li jaraw il-kuntratt originali, jaraw li ghandu ir-rekwiziti kollha. Jghid li huma gabru il-boll u l-capital gains tax. Jghid li dawn thallus tramite in-Nutar tal-konjugi Dawson, Bezzina. Hu esebixxa estratt mill-Gazzetta tal-Gvern li juri li n-Nutar Principali tal-Gvern ha f' idejh l-atti tan-Nutar Philip Said.[10]

Xehed **David Dawson** nhar it-28 ta' Settembru 2021 li fis-sustanza ikkonferma dak li qalet martu Grace Dawson fis-seduti precedenti.[11]

Xehed **Charlie Bonello** nhar it 28 ta' Settembru 2021 li ikkonferma it-transazzjoni bejnu u martu u l-konjugi Bonello. Jghid li hu jafu hafna lin-Nutar Said. Jghid li c-cheque a folio 109 Dok CB kien tah lin-nutar

[9] Folio 62 tal-proccess.
[10] Folio 71 tal-process.
[11] Folio 97 tal-process.

Said biex ihallas dak li hu dovut lill-Gvern f'taxxi u boll. Jghid li hu kien jaf lill-missier in-nutar Said li kien nutar ukoll u kien ghamel hafna kuntratti mieghu u qatt ma kellu problemi. Jghid li l-mara tiehu hsieb il-flus ghax hu ma jafx jaqra.

Xehdet **Nikolina Bonello** nhar it-28 ta' Settembru 2021.[12] Tghid li l-fond kien fis-Siggiewi pero' t-triq ma tafx bl-ezatt ghax ghadda z-zmien. Il-bejgh sar fl-2005 quddiem in-Nutar Philip Said. Taghraf ic-cheque Dok CB u tghid li dan kienet ghamlitu hi. Tghid li dak kien il-hlas tat-taxxa u l-boll. Tghid li huma kienu bieghu l-fond lil Grace u David Dawson. Tghid li c-cheque issarraf.

Xehed **Etienne Barbara** nhar l-4 ta' Novembru 2021 li jghid li t-taxxa tal-bejgh giet imhallsa fit-22 ta' Gunju 2020. Jghid li l-ligi taghti lin-nutara 21 jum biex ihallsu dak li hu dovut. Jghid li wara l-2005 kien fl-2020 li giet imhallsa it-taxxa u dan minn Nutar tal-Gvern ghan-nom tal-klijent.[13]

Xehdet **Joanna Bartolo** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta nhar l-4 ta' Novembru 2021fejn ikkonfermat id-diversi cekkijiet a folio 133 sa 137 tal-process.[14]

Kontro-ezaminata dwar ic-cekk tal-2005 tghid li ma tistax taghmel il-verifici imma generalament meta jkun refer to drawer ikun miktub fuq ic-cekk.[15]

---

12 Folio 110 tal-process.
13 Folio 120 tal-process.
14 Folio 128 tal-process.
15 Folio 130 tal-process.

Xehdet **Dr. Marita Pace Dimech** in rapprezentanza tar-Registru Pubbliku nhar l-4 ta' Novembru 2021 fejn ipprezentat ir-ricerki dwar il-konjugu Bonello u Dawson .[16]

Xehed **Dr. Keith German**, Nutar Principali tal-Gvern nhar il-11 ta' Mejju 2022 li pprezenta id-dokumenti ta' meta Philip Said gie moghti il-warrant ta' Nutar Pubbliku. Jghid li ilu jezercita l-professjoni mill-1983 u l-warrant gie sospiz b'effett mill-5 ta' Mejju 2016.[17]

Xehed minn jeddu l-imputat **Philip Said** wara li gie debitament imwissi u moghti d-drittijiet tiegh qua imputat, nhar il-15 ta' Marzu 2023.[18] Jghid li din kienet: '**This is a question of oversight**'. Jghid li dak iz-zmien kien taht pressjoni ta' xoghol u kien jahdem wahdu. Jghid li kien zmien il-Millied u ipprova jaghti quality time lill-mara u lit-tfal u dan il-kuntratt kien fil-bidu ta' Jannar. Jghid li dan il-kuntratt qabizlu. Jghid testwalment:

'Flus kontanti normalment kif inhu l-practise li **jidhol fl-operating account biex inkun nista' nahdem bih** u nel frattemp peress li kien hemm l-oversight dan baqa' lingering on fl-account u s-sur spettur qalli, li qed naghmel profit b'dak il-mod'.[19]

Jghid li hu ghandu diversi sekwestri mill-VAT, Vodafone u Go ghax ghandu kontijiet pendent. Jghid li il-flus ta' Dawson inqabdu mas-

[16] Folio 138 tal-process.
[17] Folio 370 tal-process.
[18] Folio 377A.
[19] Folio 377B Enfazi tal-Qorti

sekwestri. Jghid li meta tefaghhom fil-kont tieghu kien biex imexxi ir-registrazzjoni u jkompli ix-xoghol.

Kontro-ezaminat jghid li s-sekwestri kienu 2013 u 2014 bejn wiehed u iehor. Jghid li qabel 2013 kellu x-xoghol lura. Jghid li qabel 2013 ma kellux sekwestri. Fl-2005 ma kien milqut bl-ebda ordni ta' sekwestri. Jaqbel li l-parte civile ghaddewlu il-flus ghall-hlasijiet. **Jghid li operating account huwa f' ismu**. Jaqbel li hu kellu johodhom ghand il-Gvern u ma marx bihom. Hu jinsisti li dan il-kaz kien oversight u ma kellu x' jaqsam xejn mal-kazijiet ohra tal-passat fejn instab hati.

**Ikkunsidrat:**

L-Avukat Generali qed jakkuza lill-imputat bl-artikoli 7, 8, 10,11, 15A(1)(2), 17, 30, 31, 328A, 383, 384, 385, 386, 523A, 532B, 533, 293, 294, 310(1)(a), 309, 138, 140, 127(1)(2), 141, 50(a)(c), 364 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat qed jigi akkuzat principarjament taht l-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 li jipprovdu s-segwenti:

*293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

*294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio,u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.*

Qed jigi akkuzat ukoll talli bhala nutar pubbliku, ossija ufficjal pubbliku, huwa kien fi dmir li l-flus fdati lil terzi jigu mghoddija lill-Gvern ta' Malta. B'hekk naqas li jhallas it-taxxi u bil-flus approprjati ghamel hsara ghal haddiehor.

**Ikkunsidrat:**

L-elementi li jsawru r-reat ta' misapproprjazzjoni jistghu jigu sommarjament elenkati fis-segwenti:

1. Li l-oggett irid ikun gie fdat jew ikkonsenjat;

2. Li dak l-oggett irid ikun irid jigi irritornat jew li jkun irid jigi uzat ghal skop specifiku;

3. Li l-oggett irid ikun gie misapplikat (misapplied);

4. Is-suggett irid ikun immisapproprijah bl-iskop ta' gwadann.[20]

[20] Ara Notes on Criminal Law Handbook, 2023, ta' Dr. Stefano Filletti pagni 122-126.

**Ikkunsidrat:**

Fis-sentenza ikkwotata mill-imputat **Il-Pulizija vs Dr. Siegfred Borg Cole** (App. 21/2003) deciza fit- 23 ta' Dicembru 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano intqal f' pagna 5 u 6:

*'Filwaqt li ma hemmx dubbju li fil-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita4 , fil-kaz in dizamina jonqos ghal kollox l-element formali tar-reat. F'dan il-kaz ma kienx hemm id-dolo rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' Gaglione jew ta' Abela. L-appellat la kellu x'xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement ghax ittardja li jaghmel il-konteggi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jaghmel profitt minn dik il-konversjoni. Kif jispjega Luigi Majno (op. cit. supra):*

***Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria***

***o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione[21] del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli***

[21] "Trattandosi di somme di denaro," jispjega Luigi Majno, "l'accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; le negata restituzione – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l'impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario." (Commento al Codice Penale Italiano, UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105).

***per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole*.[22]

*Fil-pessima ipotesi kull ma jista' jinghda fil-konfront ta' l-appellant hu li hu ttraskura, minhabba xoghol iehor li kellu, li jaghti l-attenzjoni dovuta lit-talba ta' Gaglione biex isiru l-konteggi kemm jista' jkun malajr halli li dan jghaddilu l-flus li kienu tieghu. Fin-nuqqas ta' l-element formali tar-reat, l-aktar li seta' kien passibbli l-appellat kien ghal proceduri civili, izda certament ma kien hemm qatt lok ta' dawn il-proceduri penali'.*

Fil-kaz l-iehor iccitat mid-difiza **Il-Pulizija vs Marbeck Cremona** (Nru. 87/2007) deciz mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Settembru 2007 per S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano intqal is-segwenti:

***Din il-Qorti, pero`, wara li ezaminat sew l-atti, hi tal-fehma li l-ewwel qorti kienet korretta fil-valutazzjoni taghha. Ma hemmx dubbju, fid-dawl ta' istqarrija tal-appellanti Cremona, li l-oggetti misjuba fl-vettura ta' H.P. Cole Ltd. ma kienux jikkostitwixxu l-uniku xoghol tad-ditta Kenneth Grech li hija kienet hadmet permezz ta' dik il-vettura. Anqas ma ghandha din il-Qorti l-icken dubju li Cremona kienet taf li hija ma setghetx tuza dik il-vettura ghal xoghol ta' ditta kompetitrici ta' H.P. Cole***

[22] op. cit. para. 1953, pag. 105-106

***Ltd.; u ghalhekk fil-kaz in dizamina kien hemm il-volontarjeta` tal-konversjoni, bil-konsapevolezza tal-illegittimita` tal-istess konversjoni u bi skop ta' qligh ghad-ditta Kenneth Grech u, indirettament, ghaliha. Ghalhekk l-appell ta' Marbeck Cremona qed jigi respint.***[23]

Imbaghad fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur A.M. Xuereb) vs Carmela German** deciza minn din il-Qorti fit- 28 ta' Settembru 2016 mill-allura Magistrat, illum Imhallef, Aaron M. Bugeja gie rega' ribadit li:

***'Gie deciz ukoll li fl-approprjazzjoini indebita, il-frodi tirrizulta wara li tkun saret il-konsenja tal-oggett mentri fir-reat ta' l-aspett frawdolenti manifestat fir-raggir jew artifizji jipprecedu l-konsenja tal-oggett in kwantu jkun l-kawza tal-konsenja innifisha.'***

Kien ikun aktar etiku u korrett li l-avukat difensur jikkwota wkoll mis-sentenzi **Il-Pulizija vs Philip Said** (App. Nru. 103/2019) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' Settembru 2020 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima kif ukoll dik fl-isem **Il-Pulizija vs Philip Said** datat 1 ta' Gunju 2016 deciza minn din il-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta. Dawn ukoll jitkellmu fuq l-istess imputat li ukoll, fost l-ohrajn bhala nutar pubbliku gie akkuzat b' approprjazzjoni indebita! Il-Qorti tistenna li kull ufficjal tal-Qorti jkun lejali lejn il-verita' u dak li jinsab fl-atti processwali. Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-

[23] Pagna 4 tas-sentenza. Din il-parti tal-appell kienet tirrigwarda l-Artikolu 293 ( approprjat ruha billi dawwret bi profit…..).

sentenza **Il-Pulizija vs Philip Said** deciza fit-30 t'Ottubru 2020 minn din l-istess Qorti kif preseduta u qed taghmel taghha l-insenjamenti abbraccjati fl-istess kif ukoll fiz-zewg sentenzi ikkwotati mid-difiza u ma jidhrilhiex li ghandha x' telabora aktar fuqhom.

**Ikkunsidrat:**

Mhux kontestat mill-imputat li hu ircieva l-flus u li hu ircevihom f' Jannar 2005. Mhux kontestat l-anqas li hu fil-perjodu tal-akkuza kien nutar pubbliku u li kien qed jezercita il-professjoni tieghu fil-gzejjer Maltin. Mhux ikkontestat li l-kuntratt ta' xiri/bejgh gie redatt minnu u li hu kien prezenti mal-partijiet. Mhux kontestat li fuq dak il-kuntratt l-imputat ma ghaddiex il-flus migbura mill-partijiet lill-awtoritajiet kompetenti.

Il-kwerelanti u il-prosekuzzjoni irnexxilhom jippruvaw li dak li kien dovut fl-2005 fuq il-kuntratt tat-3 ta' Jannar 2005 gie mghoddi lill-awtoritajiet kompetenti fl-2020. Dawn il-flus ghat-tieni darba gew mghoddija lill-awtoritajiet mill-kwerelanti u mhux mill-akkuzat.[24]

L-unika difiza li qed jaghamel l-imputat huwa li dawn il-flus ma ghamilx profit bihom u li ma ghaddihomx lill-awtoritajiet kompetenti bi zvista u ghax kien taht pressjoni ta' xoghol.

[24] Folio 31 sa 33 tal-pcrocess.

Il-Qorti minghajr tlaqlieq tghid li mhux qed temmen din il-verzjoni tal-imputat! Hu mistenni minn professjonist ta' portata qua Nutar Pubbliku li jagixxi strettament u in konformi mal-ligi. Il-klijent imur ghand professjonist ghax ghandu fiducja fih. Xejn aktar u xejn anqas. Barra minn dan in-nutar pubbliku jkun qed jagixxi f' isem l-Istat Malti. Dunque, pressjoni ta' xoghol u mhux pressjoni ta' xoghol il-flus li gew mghoddija lilu mill-partijiet kellu fit-termini tal-ligi jghaddihom lill-awtoritajiet li lilhom kienu dovuti.

Di piu' l-imputat jammetti li l-flus dahhalhom f'dak li hu isejjah l-'*operating account*' biex '***jahdem bihom***'. Lanqas dan mhu accettabbli. **Flejjes tal-klijenti ma jistghux jigu uzati mill-professjonist biex jahdem bihom imma ghandhom jigu depositati fil-clients' account tal-professjonist u mghoddija immedjatament lill-awtoritajiet koncernati.** Dunque, fuq ammissjoni tieghu stess, l-imputat irraggira il-flus mghoddija mill-konjugi Dawson u Bonello ghal gwadann tieghu.

Ma jistax ukoll jitwemmen l-imputat meta jghid li t-transazzjoni ma gietx insinwata u dak dovut ma thallasx ghax kienet zvista ghas-semplici fatt li meta inqalaghlu l-inkwiet ma' diversi klijenti ohra fuq cirkostanzi simili jekk mhux identici huwa ma ghamilx ezercizzju retroattiv biex jara jekk fil-passat kienx naqas lil xi hadd iehor.[25] L-imputat ilu zmien twil jaf li kien hemm affarijiet mhux flokhom tant li f' Mejju 2016 irrinunzja ghal warrant tieghu. Il-Qorti ma tistax taccetta tali atteggament u non-kuranza minn professjonist.

[25] Ara Fedina Penali Folio 5 u 5A kif ukoll 6A u 7.

Irid jinghad ukoll li l-imputat gie mitkellem mill-pulizija fl-10 ta' Dicembru 2020 u tressaq fi Frar 2021. Meta mitkellem mill-pulizija huwa gie mgharraf bl-affarijiet imma hu ma ghamel xejn. L-imputat ghadu sal-gurnata tal-lum ma ghamilx tajjeb ghall-hsara li ghamel u ma irrimborsax lill-vittmi.

Lanqas hija impressjonata din il-Qorti bid-dikjarazzjoni tal-imputat u bid-dokumenti pprezentati minnu li huwa matul l-ahhar snin kien kolpit b'diversi mandati ta' sekwestri. Il-klijenti ma ghandhomx x'jahtu ghan-nuqqasijiet tieghu!

**Dunque, mill-assjem tal-provi din il-Qorti hija tal-fehma li l-akkuzi prezentati mill-prosekuzzjoni kollha gew ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi.**

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-piena l-Qorti tinnota li l-akkuzi fil-konfront tal-imputat huma ta' natura serja hafna. Qed tiehu ukoll nota tal-fatt li l-imputat ghadu ma hallasx Ewro wiehed lill-kwerelanti tal-hsara li huwa ikkagunalhom ghal malefatti tieghu ghalkemm ghaddew diversi snin. Rat ukoll il-fedina penali xejn sabiha tieghu kif ukoll l-eta' avvanzata tieghu. Tqis ukoll illi l-imputat jidher li ghadu ma tghallem xejn mill-opportunitajiet gia moghtija lilu mill-Qorti. Hadet ukoll nota tal-fatt li huwa ma ghadux jipprattika ta' Nutar Pubbliku u ghalhekk ma jistax' jirrepeti dan it-tip ta' reat fil-konfront tal-klijenti tieghu.

**Decide:**

**Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 8, 10, 11, 15A(1)(2), 17, 30, 31, 50(a)(c), 127(1)(2), 138, 140, 141, 293, 294, 309, 310(1)(a), 328A, 364, 383, 384, 385, 386, 523A, 532B, 533, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-imputat ĦATI tal-akkuzi kif dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannah piena ta' tmintax (18)-il xahar habs li qed jiġu sospiżi għall-erba' (4) snin.**

**Barra minn dan bis-saħħa tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tordna lill-ħati jirrifondi lil David u lil Grace konjuġi Dawson is-somma ta' sebat' elef u ħames mija u disgħa u disgħin Ewro u tnejn u tletin ċentezmu (€7,599.32), rapprezentanti t-total ta' erbat'elef u tmien mija u wieħed u disgħin Ewro u tmienja u sittin ċentezmu (€4,891.68), u elfejn u erba' mija u ħamsa u erbgħin Ewro u erbgħa u tmenin ċentezmu (€2,445.84), u mija u ħames Ewro u disgħin ċentezmu (€105.90), u ħamsin Ewro (€50), fi żmien xahar mil-lum.**[26]

Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tapplika l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li l-imputat ġia irrinunzja għal warrant tiegħu b'effett mill-5 ta' Mejju 2016.[27]

[26] Il-Qorti qeghda taghti dan it-termini ta' xahar stante illi tqis illi l-imputat matul dawn il-proceduri gia kellu zmien bizzejjed sabiex jahseb ghal mod kif jirrimborsa l-imsemmi ammont.
[27] Folio 373 tal-process.

In oltre peress li f'dawn il-proceduri ma inhatru l-ebda perit teknici allura ma hemmx lok li l-Qorti tapplika l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat.

*Il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess inkluz il-konsegwenzi li ma jhallasx dak dovut lill-kwerelanti fi zmien stipulat kif ukoll jekk fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza jaghmel reat iehor ta' natura volontarja.*

**Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Magistrat**

**Iamin Guarracino**

**Deputat Registratur.**